Minuti tal-Laqgħa Nru. 28 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju 2009 fl-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Lucia Massa |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Laqgħa tal-Kunsill ma' l-Onor. Dr. Chris Said M.P.
5. *Premises* tal-Kunsill
6. Xogħol ta' *Resurfacing*
7. Ħarġa għal Għawdex
8. Ħlasijiet

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 27 li ġew emendati fuq talba tas-Sur Victor Caruana li qal li fil-Minuti ma jingħad xejn li fl-aħħar laqgħa huwa talab biex jingħata lista tal-kontravenzjonijiet li daħlu mill-1 ta' Jannar 2009, *breakdown* tal-*Petty Cash* għall-istess perijodu u *breakdown* ta' l-ispejjeż li saru biex ġie mfakkar Jum Ħal Luqa.

1.2 Wara li saru dawn l-emendi, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tal-Viċi Sindku Joseph Scicluna ssekondat mill-Kunsilliera Luċia Massa.

## 2. REFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Joe Camilleri staqsa jekk kienx hemm żvillup għat-talba li għamlu tal-Klabb tal-Boċċi għal għajnuna finanzjarja biex isir il-*fence* li jdawwar il-*pitch*. Is-Sindku wieġeb li s'issa kienet inġiebet stima waħda minn tlieta meħtieġa. Qal ukoll li huwa (is-Sindku) jipproponi li l-Kunsill igħin b'mhux aktar minn €700.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-17 ta' Lulju 2009, fosthom;

a) E-mail mill-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said li tistieden lill-Kunsill Lokali Luqa għal laqgħa miegħu għal nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2009 fis-1.00 p.m. ġewwa Kastilja.

❖ Sadatant is-Sindku stieden lill-Kunsilliera sabiex huma wkoll jippreparaw l-proposti tagħhom sas-27 ta' Awissu 2009.

*b)* E-mail mill-MEUSAC dwar seminar għas-27 ta' Lulju 2009 dwar il-*Funding Programme.*

c) Memo 38/2009 tal-DGL fuq il-Kodiċi dwar l-Aħjar Prattiċi għall-Gvern Lokali.

d) Memo 41/2009 tad-DGL dwar il-Programm URBACT taħt l-ERDF.

e) Memo 42/2009 tad-DGL fuq Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 fil-lokalitajiet. Dwar dawn l-inizjattivi għandu jitfassal programm konġunt mal-Kumitat tal-Kultura.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sas-17 ta' Lulju 2009.

- F’dan l-istadju is-Sur Joe Piscopo qal li daqs erba’ xhur ilu kien talab biex fi Triq Ganni Vassallo issir *Limited Time Zone*. Qal ukoll li minkejja li din ġiet approvata, sallum din għadha ma saritx. Is-Sindku John Schembri wieġeb li din se ssir nhar it-Tnejn (20 ta’ Lulju).

- Is-Sur Victor Caruana qal li wieħed mis-suġġett li għandu jitqajjem waqt il-laqgħa ma’ l-Onor. Dr. Chris Said huwa biex jitneħħa dak il-monument ta’ ħdejn il-Mambra.

- Is-Sur Caruana ġibed ukoll l-attenzjoni dwar l-abbandun li hemm fis-*softareas* tar-raħal li lanqas biss jinħartu.

## 5. *PREMISES* TAL-KUNSILL

5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar fejn waslu l-affarijiet ma’ l-awtoritajiet ċentrali fuq il-*premises* tal-Kunsill. Huwa qal li kienet waslet ittra mingħand is-Sur Charles Zammit, Seg. Privat tas-Segretarju Parlamentarl l-Onor Mario Galea. L-Ittra tirreferi fost oħrajn, dwar iż-żjara li saret fid-Day Centre u S-Sala Komunitarja nhar il-Ġimgħa, 12 ta’ Ġunju 2009 u dwar il-ftehim li ntlaħaq sabiex il-Berġa u l-ispiżerija jiġu trasferiti fis-sular ta’ fuq u d-Day Centre jibqa’ fejn jinsab illum. Is-Sindku żied igħid li l-pjanta ta’ l-ewwel sular fejn hemm is-Sala Komunitarja ġiet mgħoddija kif intalab mis-Sur Zammit.

## 6. XOGĦOL TA’ RESURFACING

6.1 Is-Sindku qal li x-xogħol li se jsir huwa tarmac fi Triq Sant’Andrja minn ħdejn l-Iskola sa Pjazza Sant’Andrija, Misraħ il-Knisja u Triq San Pawl. Ix-xogħol huwa stmat li jqum mal-€100,000 mingħajr il-bankini peress li l-ispiża għal dawn hija ħafna akbar.

6.2 Meta is-Sindku kkonferma li x-xogħol se jsir minn Polidano Bros. li huwa l-istess kuntrattur li għamel Triq il-Karmnu, is-Sur Victor Caruana qal li huwa ma jaqbilx li x-xogħol issir minnhom (Polidano Bros.) għax mhuwiex sodisfatt bix-xogħol li sar fi Triq il-Karmnu fejn intużat żrara kbira.

[Fis-6.30 p.m. is-Sur Joe Camilleri talab u ngħata l-permess biex iħalli il-Kamra].

## 7. ĦARĠA GĦAL GĦAWDEX

7.1 Is-Sindku qal li għal din il-ħarġa li se ssir il-Ħamis, 27 ta’ Lulju 2009, ġew mistiedna l-persuni bi bżonnijiet speċjali tar-raħal. Qal li ġie mgħarraf mis-Sur Pawlu Tonna li din is-sena mhumiex ġejjin minħabba l-biża’ ta’ li *swine flu*.

7.2 Is-Sindku qal wkoll li l-Kunsillieri huma mistiedna bin-nisa/rġiel tagħhom, u għandhom jikkonfermaw jekk humiex ġejjin sa nofsinhar tat-Tnejn 20 ta’ Lulju 2009 minħabba l-biljetti

**8. Ħlasijiet**

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-17 ta' Lulju 2009 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-6.55 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa u aġġorna għal nhar il-Ħamis, 27 ta' Awissu 2009 fis-1.30 p.m.

  - Konfermati llum 27 ta' Awissu 2009.

John Schembri
Sindku

Michael Borg
Segretarju Eżekuttiv